ŻEBBUĠ

**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u> Nru. 22/2011 (Kienet addottata l-Aġenda KAM 19/2011)**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 22 ta' Novembru 2011**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emanuel Debono – Deputat Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Is-Sur George Sacco membru tal-Kumitat kien assenti.

Is-Sindku Carmelo Saliba *ex-officio* kien skużat.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

Il-Kumitat iddeċieda li jitlob lill-Ministeru għal Għawdex jindika f' liema stadju wasal il-proġett tal-*front* ta' Marsalforn li suppost kellu jinbeda f' Ottubru 2011.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 21/2011 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Dwar il-funtana tal-*promenade* tal-Qbajjar, il-Kumitat approva l-kwotazzjoni ta' Richard Cauchi għall-prezz ta' €1,100 fis-sena.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Komunikat tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Skema 94/2010 – Kumitati Amministrattivi u l-proġett tal-Kumitat ta' kisi bit-tarmak ta' parti minn Triq Santa Marija. Il-Kumitat iddeċieda li jitlob lid-dipartiment estensjoni sa Settembru 2012 biex ilesti l-proġett tiegħu.

Ittra tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Memo 45/2010 – Public Private Partnership fuq toroq u l-kisi bil-konkos ta' parti minn Triq Daħlet ta' Merżuq (it-triq li tieħu għal Villa Fiorita). Il-Kumitat qabel li jagħmel sejħa għall-offerti hekk kif ġie approvat mid-dipartiment.

Ittra tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Memo 55/2011 – Skema ta' finanzjament għal proġetti u inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-lokalitajiet tagħhom u l-proġett tal-Kumitat ta' irranġar ta' Triq il-Wied. Il-Kumitat qabel li jagħmel sejħa għall-offerti għall-proġett approvat mid-dipartiment ta' kisi bil-konkos ta' parti minn triq fil-wied ta' Marsalforn.

Korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar l-Urban Improvement Funds għall-lokalita' ta' Marsalforn sa Ottubru 2011. Il-Kumitat talab lis-Segretarja Eżekuttiva tikkomunika mad-Direttur responsabbli fil-Ministeru għal Għawdex dwar il-possibbilita' li jsiru *showers* fil-latrina pubblika tal-Menqa mill-fondi tal-Urban Improvement Funds.

Ittra mibgħuta minn Transport Malta dwar il-*mini roundabout* proposta mill-Kumitat għal Pjazza San Pawl. Id-Deputat Chairperson qal ir-rikjesta oriġinali tal-Kumitat kienet għal *mini roundabout* impenġija mal-art u mhux għal *mountable roundabout*. Il-Kumitat iddeċieda li jikteb lil Transport Malta dwar dan il-punt.

Ittra ta' approvazzjoni mibgħuta minn Transport Malta dwar *parking bays* fi Triq id-Duluri u f' parti minn Triq il-Munġbell. Il-Kumitat iddeċieda li ma jsirux *parking bays* f' dawn iż-żewġ toroq għax kien ser jintilef ħafna *parking*.

Ittra ta' Transport Malta dwar l-i*speed limit* fil-lokalita' ta' Marsalforn. Il-Kumitat qabel li l-i*speed limit* fit-toroq kollha ta' Marsalforn ikun 30km/hr.

Komunikat mibgħut mill-MEUSAC dwar twaqqif ta' struttura fi Triq Santa Marija, Marsalforn bejn id-19 ta' Diċembru 2011 u s-17 ta' Frar 2012. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet għall-proġett tal-MEUSAC.

Ittra mibgħuta mill-Kap tal-Iskola Sekondarja tas-Subien dwar żjara fi Brussels minn grupp ta' studenti. Il-Kumitat qabel li jikkollabora mal-Iskola biex jintbagħat student minn Marsalforn Brussels (l-ispiża m' għandiex teċċedi €50).

## 5. XELTRIJIET F' MARSALFORN

Id-Deputat Chairperson qal jiftakar li f' Marsalforn kien hemm żewġ xeltrijiet, wieħed quddiem id-dar li kellha nru. 18 fi Triq ir-Rabat u xelter ieħor fi Pjazza San Pawl quddiem il-ġenb tal-knisja. Is-Sur Debono qal dawn ix-xeltrijiet għandhom ċerta rabta ma' żmien il-gwerra.
Il-Kumitat iddeċieda li f' dan l-istadju jkunu identifikata dawn iż-żewġ xeltrijiet – ser tintbagħat ittra lid-Dipartiment tal-Artijiet fejn tintalab l-assistenza tad-dipartiment biex ikunu identifikata dawn ix-xeltrijiet.

Iċ-Chairperson issospendiet l-Aġenda biex indirizza l-Kamra l-Inġinier Renzo Curmi dwar is-sistema tad-dawl tal-*promenade* ta' Marsalforn.

## 6. ILMENTI

KAM 26/2011 – Francesca Schembri
Talbet biex titwaħħal lampa ġdida ma' 'Wincesca Flts' fi Triq ix-Xagħra. Il-Kumitat approva t-talba ta' Schembri għal lampa ġdida.

## 7. MATERJA OĦRA

Il-Kumitat approva:

- x-xiri ta' żewġ settijiet dwal dekorattivi għas-siġra li tintrama għall-Milied fi Pjazza San Pawl (jiswew €69 kull sett).
- issir applikazzjoni mal-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar biex jingħalqu konok tas-siġar fuq il-bankina fi Triq Santa Marija (faċċata ta' Triq is-Salini).
- trasferiment ta' *litterbin* li hemm ġo nofs rampa fi Triq il-Wied.
- jinqalgħu tlett *litterbins* minn fuq il-*promenade* tal-Qbajjar u jitpoġġew fil-belvedere tal-wied.
- it-tiswija tal-*playhouse* (is-*slides*) tal-*promenade* tal-Qbajjar.
- it-tiswija ta' erba' balavostri miksura fil-belvedere fuq ir-riħ tal-Otters fi Triq Santa Marija; jagħmlu x-xogħol il-ħaddiema tal-Kunsill.

## 8. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die*.

**Maria Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***